MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Numru 34/2005

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
John Paul Agius, iben Paul,
imwieled Pieta' fl-4 ta'
lulju, 1978

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli, individwalment jew bħala prooprjetarju tal-istabiliment u tal-kumpanija "2 Fast 2 Furious" ta' Ħal-Għaxaq, nhar is-sibt, 15 ta' jannar, 2005, f'dawn il-Gżejjer:
a. iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, għamel użu

ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew

b. għamel użu, xjetement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrj dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement, qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għal bejgħ jew importa għal ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbħin b’qerq;

u cioe’, 72 logħba tal-‘Playstation’ u films fuq DVD;

2. talli, fl-istess data u lok, għal qliegħ, jew bi skop ta’ kummerċ, stampa,
immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ,
qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa
oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna oħra
u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-4 ta’ marzu, 2005 fejn ta
l-kkunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ marzu, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-Prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.  Rat

l-artikoli 298(1)(a)(ċ)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti fl-atti ta’ din il-kawża. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok tal-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------